# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

## Laqgħa Nru. 54/2016

Data: 9 ta' Mejju 2016

Ħin: 6.30 pm

Post: Uffiċċju Amministrattiv Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera

| | | | |
|---|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Stephen Sultana | - | Sindku |
| | Is-Sur Jonathan Brimmer | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sinj. Elizabeth Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Jason Mangani | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Darren Carabott | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Silvio Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Michael Mifsud | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati: | Is-Sur Horace Anastasi | - | Kunsillier |

Assenti:

## AĠENDA

### 1. Talba

F'dan l-istadju (6.32pm) is-Sindku nforma lill-membri preżenti lis-Sur Anastasi kien skużat għal-laqgħa.

### 2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;

Il-Minuti tat-53 Laqgħa u tal-54 Laqgħa (b'urġenza) ttieħdu bħala moqrija

### 2.1 Korrezzjoni tal-Minuti tal-53 u 54 Laqgħa.

Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti

## 3. Affarijiet li jitqajmu mill-Minuti;

3.1 Minuta 3.1 – Is-Sindku nforma lill-membri li l-attivita' tal-iSports Day saret u kienet suċċess fejn ipparteċipaw diversi tfal f'dixxiplini differenti. F'dan ir-rigward is-Sindku rringrazzja lis-Sur Mangani u l-għaqdiet kollha li pparteċipaw.

3.2 Minuta 3.2 – Is-Sindku nforma lill-membri li l-Monitoring Bord informa lill-istess Kunsill li d-Dipartiment ma jidħolx fil-mertu ta' lil min iċ-ċitru ser jingħataw sakemm ikun hemm dejjem l-approvazzjoni tal-istess Kunsill. Is-Sindku qal li bħal kull sena l-ewwel jitqassam il-larinġ li għaqdiet filantropiċi kollha u dak li jifdal jista' jibda jingħata lill-Parroċċa għar-restawr tal-vara.

Il-Membri tal-Kunsill qablu unanimament.

3.3 Minuta 3.3 – Is-Sindku talab lis-Sur Carabott sabiex jinforma lill-Kunsill fuq l-andament tal-attivita' tat-Tberik tal-Annimali. Is-Sur Carabott qal li wara diskussjoni li kellu mal-Kappillan irriżulta li l-Kappillan qallu li biex issir il-quddiesa barra kif kien previst hemm bżonn li ssir tinda minħabba li tkun bdiet is-sħana. F'dan ir-rigward is-Sur Carabott qal li biex issir tinda l-allokazzjoni finanzjarja allokata għal din l-attivita' ser tinqabeż u għaldaqstant issuġġerixxa sabiex din l-attivita' tkun estiża għal aktar tard matul is-sena. Is-Sindku nforma lis-Sur Carabott sabiex jindika d-data l-ġdida fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

Il-Membri tal-Kunsill qablu unanimament

3.4 Minuta 3.4 - Is-Sindku nforma lill-membri li l-preparamenti għas-Serata ta' ġieħ lill-Granmastru Alof de Wignacourt u l-proġett tal-Akkwadott li ser issir fl-4 ta' Ġunju għaddejjin ġmielhom. Is-Sindku nforma lill-membri li fil-ġranet li ġejjin kienu ser jitqassmu l-inviti. Huwa kompla billi nforma lill-membri li l-ispiża għal din is-serata tammonta għal madwar €16k. Informa wkoll lill-membri li b'dispjaċir l-HSBC irtira l-għajnuna tiegħu peress li l-imsemmija fondi kienu għas-sena li għaddiet. Madanakollu ser jinġabru għajnuniet oħrajn sabiex itaffu ftit l-ispiża.

3.5 Minuta 7(a) – Is-Sindku nforma lill-membri li kif kien previst l-attivita' ta' Jum l-Omm saret ġewwa Istitut Apap u kienet waħda ta'suċċess.

3.6 Ma kien hemm xejn x'jiġi diskuss mill-minuti tal-54 Laqgħa b'urġenza.

## 4. Korrispondenza

4.1 Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill irċieva komunikat mingħand Lifelong Learning sabiex isiru laqgħat informattivi dwar il-korsijiet li qegħdin joffru. Għaldaqstant is-Sindku ssuġġerixxa sabiex dawn il-laqgħat isiru fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum.

Il-Membri tal-Kunsill qablu unanimament

4.2 Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill irċieva talba mingħand is-Sur Joseph Lia li huwa id-Direttur tal-*Wild Birds Regulation Unit*, mid-Diviżjoni tas-Segretarju Parlamentari tal-Agrikultura, Sajd u Ħarsien tal-Annimali, sabiex issir reserved parking bay għad-Direttur quddiem l-uffiċini l-ġodda li għadhom kemm infetħu fi Triq Misraħ il-Barrieri. Is-Sindku qal sabiex ninfurmaw lis-Sur Lia sabiex jagħmel applikazzjoni ma TM. Il-Kunsill iżomm kull dritt għar-riservi tiegħu

Il-Membri qablu unanimament

4.3 Is-Sindku nforma lill-Membri dwar korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand id-Direttur tal-*Bargains & Quality* ta' Triq il-Kbira San Ġużepp sabiex issir *Loading/Unloading bay* quddiem il-ħanut tiegħu. Is-Sindku qal li TM ma tapprovax *Loading/Unloading bays* jekk ma jkunx hemm kunsens bejn sitt ħwienet apparti mill-fatt li jekk tkun approvata m'hemmx garanzija li din issir bilfors quddiem dan il-ħanut li qed jagħmel it-talba. F'dan ir-rigward is-Sindku qal li fl-istess Triq diga' jeżistu *Loading/Unloading bays.*

Il-Membri qablu unanimament

4.4 Is-Sindku nforma lill-Membri li l-Pirjol tal-Parroċċa qiegħed jitlob lill-Kunsill sabiex isiru tabelli madwar il-lokalita' li jindikaw fejn jinsabu l-Knisja Parrokkjali u kif ukoll il-Knisja Matriċi fejn il-kitba fuqhom tkun Knisja Parrokkjali t' Santa Venera u l-Knisja l-Qadima ta' Santa Venera. Is-Sindku ippropona sabiex il-kliem tat tabella tal-Knisja l-Qadima tkun Knisja l-Qadima (Matriċi).

Is-Sur Silvio Vella ssekonda lis-Sindku filwaqt li l-kumplament tal-Membri qablu unanimament.

## 5. Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni

Il-pagamenti flimkien mal-petty cash ġew diskussi w approvati unanimament mill-membri kollha.

## 6. Ilmenti

Is-Sindku nforma lill-Membri li minħabba lis-sistema Servizz Gov.mt inbidlet in-numri tal-ilmenti issa bdew mill-ġdid.

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 1 sa lment numru 19.

| | |
|---|---|
| 1 | TM ma tapprovax li jkun hemm oħra ġaladarba hemm Zebra Crossing fil-viċinanzi tal-Knisja |
| 2 | Applikazzjoni ma' TM |
| 3 | Ikun infurmat Kunsill Lokali Qormi |
| 4 | Applikazzjoni ma' TM (simili għal ilment numru 2) |
| 5 | Ma jistax jitneħħa minħabba li jibdew jipparkjaw il-karozzi fuq iż-żewġ naħat tat-Triq liema triq diġa dejqa għat-traffiku. |
| 6 | Ħaddiema Assenjati |

| | |
|---|---|
| 7 | Għadna qed nistennew kjarifika mingħand TM |
| 8 | Work Order |
| 9 | Contract Manager |
| 10 | Contract MAnager |
| 11 | Ħaddiema Assejnati |
| 12 | Contract Manager |
| 13 | Applikazzjoni ma' TM |
| 14 | Work Order saret u għandu jsir ix-xogħol minn Grima & Sons |
| 15 | Xogħol tlesta |
| 16 | Xogħol tlesta |
| 17 | Xogħol tlesta |
| 18 | Xogħol tlesta |
| 19 | Tintbagħat ittra lir-residenti u s-sidien tal-garaxxijiet |
| 20 | Ħaddiema Assenjati |

## 7. Ordnijiet tal-ġurnata

### 7.1 Quarterly Report – Jannar 2016 sa Marzu 2016

Is-Sur Chris Farrugia spjega fid-dettal ir-rendikont finanzjarju bejn Jannar u Marzu 2016.

Il-Membri qablu unanimament u r-rapport ġie approvat kif koreġut.

### 7.2 Rapport Amministrattiv 2015

Is-Sindku ppreżenta r-rapport Amministrattiv għas-sena 2015 li ġie ppreparat mis-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku staqsa lill-membri jekk kienux qraw ir-Rapport Amministrattiv.

Is-Sindku ppropona l-approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv u ġie ssekondat mis-Sur Jonathan Brimmer u l-kumplament tal-Membri qablu unanimament.

### 7.3 Rakkomandazzjoni – Tender Legali SVLC/T/01/2016

Is-Sindku spjega li wara li it-tenders kollha ġew skrutinjati il-Bord tal-aġġudikazzjoni ddeċieda sabiex issir intervista ma l-aħjar 4 offerenti li kienu Dr Stefano Filletti, Dr Joseph M Sammut, Dr Jonathan C Spiteri u Dr Larry Formosa. Il-Bord tal-Aġġudikazzjoni ddeċieda sabiex din l-intervista ssir it-Tnejn 2 ta' Mejju, 2016 fis-6.30 ta' filgħaxija u li għaliha mill-Bord kienu preżenti biss is-Sindku u l-Viċi Sindku.

Fl-ewwel intervista rriżulta li Dr Stefano Filletti m'attendiex għal din l-intervista u l-Bord fl-ebda mument ma kien notifikat li Dr Filletti ser ikun assenti għal din l-intervista.It-tieni intervista saret ma Dr Larry Formosa fejn dan informa lill-bord li kellu 4 snin esperjenza ma' 8 Kunsilli Lokali. It-tielet intervista saret ma Dr Sammut fejn informa lill-Bord li huwa għandu Kumpanja Legali fejn iħaddem 11-il avukat fuq oqsma differenti. Dr Sammut ikkonferma li kemm fil-passat u kif ukoll fil-preżent legalment jaħdem ma' diversi Kunsill. Ir-raba' intervista saret ma' Dr Spiteri fejn huwa spjega li

kellu l-prattika ma Dr Sammut u Dr Zrinzo. Apparti minn hekk huwa qal li jispeċjalizza fuq *Credit Collection* u iċ-ċivil. Huwa infurmana li m'għandux esperjenza diretta ma Kunsilli. Dr Spiteri nforma lill-Bord li mhux ser jitħallas għal-laqgħat li jsiru iżda jitħallas biss jekk irid ikun ta' intermedjatur sabiex jintlaħaq xi forma ta' ftehim ma terzi.

Is-Sindku nforma lill-membri li minħabba nuqqas tal-membri li kien hemm il-Bord ma kienx komdu li għandha ssir r-rakkomandazzjoni iżda li għandu jirrakkomanda u jiddeċiedi b'mod dirett il-Kunsill.

F'dan ir-rigward is-Sindku ppropona lil Dr Sammut f'isem il-Kumpanjia SMM Consultancy Services Ltd minħabba li l-prezzijiet kienu l-irħas u din il-kumpanija għandha esperjenza vasta fejn jidħlu Kunsilli Lokali u kien is-sekondat mis-Sinjura Elizabeth Vella.

Il-Membri tal-Kunsill preżenti kollha ivvutaw favur li din it-Tender għandha tingħata lil SMM Consultancy Services Ltd hekk kif kien proponut mis-Sindku.

## 8. Minuti ta' Kumitati/Sotto Kumitati;

**8.1** Ma kienux preżentati l-ebda minuti ta' Kumitati jew Sotto Kumitati.

## 9. Kommunikazzjoni mis-Sindku

9.1 Is-Sindku nforma lill-Membri dwar il-bdil tal-*building alignment* li ser fi Triq il-Kanonku Bonnici k/m Triq l-4 ta' Settembru 1918 PC 0020/16 fejn qiegħed ikun ipproponut sabiex jinbidel il-*building alignment*. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill għandu joġġezzjona għax mhuwiex fl-interess tar-residenti. Huwa qal li biex issir din l-oġġezzjoni rridu ninfurmaw lill-Perit tal-Kunsill sabiex l-oġġezzjoni tidħol il-MEPA fiż-żmien stipulat.

Il-Membri qablu unanimament.

9.2 Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irid jibgħat ittra legali lid-Denfar Ltd, il-kuntratturi li għamlu x-xogħolijiet fi Triq il-Madonna tal-Karmnu, minħabba l-fatt li wara li tlestiet it-triq reġa' tkisser it-tarmak minħabba l-kommunikazzjoni tal-ilma u dan il-Kuntrattur ma reġax għamlu it-tarmak kif kien.

Il-Membri qablu unanimament.

9.3 Is-Sindku nforma lill-membri li wasal iż-żmien sabiex jinxtraw 50 barrier (simili għal tal-pulizija) li jkunu tal-Kunsill. F'dan ir-rigward is-Sindku qal li hemm bżonn li jkollna l-kwotazzjonijiet meħtieġa.

Il-Membri qablu unanimament.

9.4 Is-Sindku nforma lill-membri li l-ispeċifikazzjonijiet tat-Tender tal-proġett tal-Palazz l-Aħmar tlestew u issa il-proċess li jmiss huwa biex tinħareġ it-tender bis-sistema il-ġdida tal-EPPS fejn għad irid issir taħriġ fuq din is-sistema l-ġdida.

Il-Membri qablu unanimament.

9.5 Is-Sindku nforma lill-membri li resident ta' 23 Triq l-Imsida lest li ~~jgħatti~~ joffri n-niċċa ta' San Pawl lill-Kunsill. Wara diskussjoni kien hemm qbil sabiex tinżamm fil-ġnien Romeo Romano u eventwalment jitlestew ix-xogħolijiet meħtieġa ta restawr sabiex tiġi salvata.

Il-Membri qablu unanimament.

9.6 Is-Sindku nforma lill-membri li kif kien ġie deċiż fl-aħħar laqgħa il-Kunsill għandu 3 kwotazzjonijiet sabiex isir l-intercom. Huwa rrimarka li dawn huma mingħand Alberta €1240.18, Firetech €951.47, J Grima €803 u Falcar €663.52.

Fuq dawn il-kwotazzjonijiet is-Sindku ppropona li l-Kunsill għandu jmur għall-orħos kwotazzjoni jiġifieri tal-Falcar. Il-Viċi Sindku ssekondah filwaqt li l-membri kollha qablu unanimament.

9.7 Is-Sindku nforma dwar komunikat li rċieva mingħand Conrad Buttiġieg (Cosmed. Pharmacy) fejn dan talab permess temporanju għal tabelli liema permess ingħata sal-aħħar ta' Ġunju 2016

## 10. Aġġornament

10.1 Il-Laqgħa tal-Kunsill ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 8 ta' Ġunju, 2016 fil-6.30 ta'filgħaxija b'aġenda li tkun ikkomunikata aktar tard.

10.2 Il-laqgħa ntemmet fit-8.30 ta' filgħaxija.

***Stephen Sultana***
*Sindku*

***Michael Mifsud***
*Segretarju Eżekuttiv*

**Data:** 8/06/2016